MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 625/2001/1

**Mondher Ayadi.**

**vs**

**Carmen Abela**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti Mondher Ayadi u Carmen Abela kienu kkontrattaw zwieg bejniethom fl-20 t'April 1994, liema zwieg hu registrat fic-certifikat bin-numru progressiv 426/94 – Dok. "A".

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja

mizzewga, u / jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ser ikun ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew dritt ghall-att taz-zwieg, liema att taz-zwieg fil-fatt qatt ma sar bejn il-partijiet.

Illi ser jirrizulta simulazzjoni tal-kunsens tant li dan kien kompletament ivvizzjat u / jew sar bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg.

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett *ai termini* tal-artikoli relevanti taht l-**Att XXXVI tal-1975** li jirregola z-zwigijiet.

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti Mondher Ayadi u Carmen Abela fl-20 t'April 1994 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa biex tixhed in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat li l-konvenuta debitament notifikata bic-citazzjoni attrici fil-25 ta' Lulju 2002 *(tergo fol. 15)* baqghet ma pprezentat ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat il-verbali tal-1 ta' Frar 2002; tat-2 ta' Mejju 2002; tat-23 ta' Mejju 2002; u tat-12 ta' Novembru 2002 fejn Dr. Mark Busuttil ghall-attur prezenta l-affidavits kollha attrici. Il-konvenuta msejha diversi drabi baqghet ma dehritx.

Fuq talba ta’ Dr. Mark Busuttil il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 t’April 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attur **Mondher Ayadi** ta’ x-xhieda tieghu permezz tal-procedura tal-affidavit fejn sostna:-

*“Jiena gejt hawn Malta fl-1991. Fil-bidu kont nahdem ma' Fino tal-ghamara u kont ukoll plejer ma' xi ‘teams’ zghar hawn Malta.*

*Wara tliet snin li kont ili hawn Malta, u cjoe’ fi Frar tal-1994, iltqajt mal-mara tieghi Carmen go ‘disco’ waqt ‘party’ tal-Karnival. Ahna bdejna niltaqghu regolari. Dak iz-zmien jiena kelli sebgha u ghoxrin (27) sena u l-mara kellha wiehed u ghoxrin (21) sena. Meta l-mara tieghi qalet lill-familjari taghha li kienet qed tohrog mieghi huma ma hadux pjacir u ma riduhiex tibqa' tohrog mieghi peress li jiena kont ta' nazzjonalita' Tunezina u ta' twemmin Musulman. Dak iz-zmien jiena kont impjegat regolari ma' Hal Mann. Il-mara beda jkollha diversi problemi mal-familjari taghha minhabba din ir-relazzjoni. U ghalhekk f’April tal-1994, u cjoe’ xahar u nofs biss wara li sirna nafu lil xulxin, il-mara tieghi talbitni biex nizzewwigha bir-Registru u jien accettajt. Ahna zzewwigna fl-20 ta' April 1994. Hadd mill-familjari taghna ma kien prezenti ghal din ic-cerimonja. Nghid li l-familjari tal-mara ma kienux jafu li ser nizzewgu. Biex tiehu l-hwejjeg taghha mid-dar tal-familja taghha l-mara kellha tkun assistita mill-Pulizija.*

*Ahna domna gharajjes qisu xahar u nofs. F'dan ix-xahar u nofs ma tantx kellna opportunita’ nsiru nafu lil xulxin. Ghalija kull ma gara kien qisu holma. Waqt dan iz-zmien qasir qatt m'ghamilna programmi serji dwar il-*

*hajja matrimonjali taghna u lanqas iddiskutejna certi aspetti fundamentali bhalma huma t-tfal. Jiena nemmen li l-mara riedet tizzewweg mhux ghax veru riedet tizzewweg imma biex tehles mill-familja taghha u mill-glied kontinwu li kien hemm bejniethom.*

*Wara xi xhur Ii zzewwigna l-familjari tal-mara avvicinawni fuq ix-xoghol tieghi u jiena kellimthom. Minn dak iz-zmien sakemm jiena u l-mara sseparajna dejjem mort tajjeb mal-familjari tal-mara. Pero’ rrid nghid li l-mara tieghi kienet tigi nfluwenzata wisq minn ommha. Kienet taghmel dak li tghid ommha specjalment fejn tidhol il-kwisitoni tat-tfal. Meta jiena kont insemmi lil omm il-mara Ii kien wasal iz-zmien li jkollna t-tfal din kienet dejjem tghidli li m'ghandniex ghaggla peress li l-ewwel ahjar inlestu d-dar minn kollox.*

*Il-problemi li wasslu ghas-separazzjoni tieghi u ta' marti fl-2000 kienu diversi. Bizzejjed insemmi li fl-ewwel snin taz-zwieg il-mara tieghi kellha relazzjoni ma' ragel iehor li kienet taf minn qabel iz-zwieg taghna, haga li ammettiet hi stess mieghi wara li jien ikkonfrontajtha b'certu fatti u wara li kelli ammissjoni ta' din ir-relazzjoni minn dan l-istess ragel. Pero’ jiena kont test li nahfrilha ghax ma ridtx li z-zwieg taghna jitkisser. Min-naha taghha hi weghditni li kienet ser tbiddel hajjitha. Problema ohra kienet Ii hi kienet supperva. Kienet tahtafni ghal kull haga ta' xejn u kollox trid taghmel kif trid hi. Fil-mara tieghi jiena kont nara nuqqas ta' mhabba u principalment kont nara dan fl-imgieba taghha mieghi. Jien kont naghmel mill-ahjar ghaliha, pero’ hi xorta kienet turi nuqqas ta' mhabba sija b'ghemilha kif ukoll b'imhabbitha. Jiena ssaportejt f’din is-sitwazzjoni ghal diversi snin biex ma nkissirx il-familja u bil-hsieb li forsi ’l quddiem ghad tinbidel meta jkollna t-tfal. Jiena komplejt f’din ir-relazzjoni ghax l-ghan taz-zwieg tieghi kien li jkolli familja u t-tfal.*

*Fl-ewwel snin taz-zwieg jiena ridt it-tfal izda hi kienet tghidli biex nistennew ftit peress li kien ahjar li l-ewwel nimlew id-dar. Jien kont kontinwament nuriha x-xewqa*

*li nixtieq it-tfal, pero' hi dejjem kienet tipposponi. Ghall-ewwel jiena kont emmintha li riedet timla d-dar, imma meta bdew jghaddu aktar snin hassejt li din kienet biss skuza. Fil-fatt tajjeb kont qed nahseb. Gurnata fost l-ohrajn, u cjoe' wara xi seba' snin li konna ilna mizzewwgin, qaltli "jien lilek ma nhobbokx u ma rridx tfal minghandek.*

*Meta jiena smajt dan il-kliem weggajt hafna u ndunajt li din il-mara qatt ma habbitni verament u jien kont biss is-salvazzjoni taghha biex hi titlaq mid-dar tal-genituri taghha. Jiena nghid li fil-mument ta' meta zzewwigna hi ma kenitx matura bizzejjed biex tiehu dan il-pass importanti. Ma nahsibx li setghet tifhem l-obbligi li tali pass igib mieghu. Ghaliha z-zwieg kien biss opportunita' li tikseb il-liberta' taghha u hatfitha.*

*Jiena nemmen li fil-mument tac-celebrazzjoni z-zwieg taghna ma kienx wiehed validu ghaliex il-mara tieghi eskludiet pozittivament wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, fosthom dak tal-prokreazjonii, haga li jien dejjem xtaqt b'qalbi kollha. Di piu' nemmen li l-kunsens tal-mara tieghi kien ukoll vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, foshom dak tat-fedelta`".*

Illi xehdet ukoll **Carmen Abela** fejn fl-affidavit taghha qalet illi:-

*"Jiena nigi l-mara ta' Mondher Ayadi, li hu ta' nazzjonalita Musulmana.*

*Ir-relazzjoni taghna ma kenitx felici w ta' spiss kien ikollna argumenti! Hu kien mohhu biex ahna t-tnejn nibqghu d-dar w l-hrug ma' tantx kien jghodd ghalih. Din il-haga kienet iddejjaqni w hassejt li hu kien qed ixejjahni qabel il-waqt.*

*Apparti mis-suespost, is-suggett li ta' spiss kien ikollna argumenti kien rigward it-tfal. Jien lil Mondher ma kontx inhobbu w ikolli nzid li ghamilt minn kollox biex ma*

*jkollniex tfal. Kont insib hafna skuzi sabiex ma jkollniex x'naqsmu flimkien, liema haga kienet turtah. Jien nikkonferma li hu ried tfal. Haga li anki jien ridt, pero' m'hux it-tfal tieghu peress li ma kontx inhobbu.*
*F'dan ir-rigward, kelli seba' mitt sena biex nissepara minnu, liema haga hadha bi kbira, pero' jidher li issa accetta dan il-fatt ghall-ahjar nteress tat-tnejn".*

Illi xehed ukoll **Fr. Joseph Saliba** fejn permezz tal-affidavit bil-gurament tieghu qal illi:-

*"Jien kont il-qassis li zewwigt il-koppja Mondher Ayadi u Carmen nee' Abela. Peress li jien kont il-Kappillan ta' St. Luke's Hospital, jien sirt naf lil Carmen hemm peress li tahdem ta' 'nurse assistant' hemm.*

*Peress li Carmen kellha pjacir bih, Carmen kienet tigi ghandi w issaqsini certi domandi w biex inkun aktar car, kienet tiftah qalbha mieghi. F'dan ir-rigward li jien sirt nafu, u nista' nghid li ghalkemm ghandu twemmin Musulman, ghandu principji solidi w li wiehed jista' jammira fih.*

*Ikolli nzid li jien qatt ma rajt ghajn hazina minnu w nista' nzid li anke hu ghandu fiducja fija w ihobb ikellimni tkun liema tkun il-problema.*

*L-istess nista' nghid ghal Carmen. Qatt ma' rajt ghajn hazina minnha w hi pjuttost mara tal-affari taghha. Din ma tfissirx li hi bhal Mondher ma jkollomx il-mumenti hziena taghhom, pero' dan hu normali la ahna fid-dinja tal-bnedmin.*

*Ghalkemm jien Patri Kappuccin, nista' nghid li fuq talba personali ta' Mondher, talbuni naghmel u naghti t-taghrif necessarju ghar-rigward u kien jaqsam mieghi d-diffikultajiet tieghu.*

*Nibda biex nghid li Mondher xtaq li jkollu tfal. Fil-fatt u qalli kemm-il darba li hu zzewweg fost ragunijiet ohra, biex ikollu t-tfal. Jidher, pero' li, dejjem skond hu, Carmen kienet qed tkun difficli biex jibda l-process ghat-tfal. Fil-fatt*

*nista' nghid li minn meta zzewgu qatt ma kellhom tfal. Fost l-argumenti li kien isemmilli li Carmen kienet tqajjem huma li:*

- *minhabba spejjez tad-dar u karozza;*

- *illi hi wriet xewqa li tkun libera, liema haga kienet se titlef jekk ikun hemm it-tfal".*

*Raguni ohra li semmieli Mondher kienet li peress li Carmen ftit mibruma u peress li hu xtaq li hi tnaqqas mill-piz, minflok ma kienet tehodha b'mod pozittiv, kienet tehodha b'offiza u b'hekk din il-haga ziedet aktar tensjoni bejniethom.*

*L-aktar haga li jien innutajt fih kien li l-valuri / spiritu tal-familja kienu qawwijin fih u b'hekk nista' nifhem u napprezza li kien pjuttost ippreparat ghall-obbligi taz-zwieg.*

*Ghar-rigward Carmen, hi kellha l-ideat taghha rigward l-obbligi w x'tinvolvi z-zwieg. Din ma tfissirx li mhix mara tal-affari taghha, pero' jista' jkun li forzi ma kenitx iggerjata daqs Mondher, liema haga setghet fixklet l-armonija taghha meta accettaw ir-rabta taz-zwieg bil-konsegwenzi odjerni. Dan qed nghidu ghax jidher li Carmen kellha bzonn aktar spazju fil-hin u hajja taghha w b'hekk r-realizzjazzjoni tal-konsegwenzi taz-zwieg necessitat aktar zmien ta' realazzjoni.*

*In konkluzjoni din il-koppja ghandhom valuri sbieh, pero' nikkonferma li kien hemm diffikultajiet reali fejn bhala konsegwenza tal-lok ghal-disfatta fiz-zwieg taghhom bil-konsegwenzi odjerni".*

Illi xehed ukoll permezz tal-affidavit **Anthony Muscat** li qal hekk:-

*"Jien residenti n-Naxxar u ili nghix hemm circa hdax-il (11) sena minn meta izzewwigt.*

*Lil Mondher ili nafu ghal dawn l-ahhar seba' (7) snin u dan peress li ahna nahdmu flimkien ma' Hal-Mann. Meta nghid li ili nafu ghal dan il-perjodu nfisser ukoll li hu kien jiftah qalbu mieghi. Jien kont narah qalbu maqsuma hafna, partikolarment meta hu kien ikellimni fuq ir-relazzjom tieghu mal-mara kif ukoll minhabba x-xewqa tieghu li jkollu t-tfal. Hu kien jghidli li l-mara tieghu, kienet tissuppervja ftit u li, dejjem kienet tohloq skuza biex / ghar rigward it-tfal. Wara circa seba' (7) snin minghajr tfal;, din saret taffettwah hafna, specjalment meta hu kien qed jikber fiz-zmien. Din il-haga ghar-rigward l-eta` beda jarah ukoll fil-mara tieghu peress li l-problema tal-eta` kienet taffetwa aktar lin-nisa.*

*Ta' spiss kont narah jigi x-xoghol qalbu maqsuma, u xi kultant irrabjat, liema haga kont nifimha li kellu xi jghid mal-mara. Fil-fatt meta hu beda / jibda jiftah qalbu mieghi jtini ragun ghar-rigward is-suspetti tieghi.*

*Il-mara tieghu kelli x-xorti li niltaqa' maghha u nista' nghid li qatt ma rajt ghajn hazina minnha. F'dan ir-ngward, deher b'mod car li kien hemm problema ta' fehmiet u forsi anke mentalita', liema haga jien apprezzajt.*

*Inzid ukoll li kont irbaht il-fiducja taghha u nista' nghid li sirt nafha bhala habib, u li dejjem xtaqtilha l-gid. F'dan ir-rigward mhux l-ewwel darba li rrangajthom fil-problemi taghhom, liema haga stajt napprezza bhala ragel mizzewweg bit-tfal.*

*Fl-ahhar mill-ahhar is-sitwazzjoni tant hzienet li meta gharrafni li se jissepara minn mal-mara tieghu, deherli, wara dawk l-isforzi taghhom it-tnejn li kien ghall-ahjar taghhom li jkun hemm is-separazzjoni".*

Illi min-naha taghha **Maria Calleja** sostniet bil-gurament taghha permezz tal-affidavit illi:-

*"Jiena residenti l-Mosta u ghomri residenti l-Mosta. Jien lil Mondher ilu nafu ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin, u cjoe', minn meta kien jghix gol-'flat' tieghi u tar-ragel il-Mosta stess. Nista' nghid li hu dan joqghod gol-'flat' ghal*

*circa tliet (3) snin u nista' nghid li jien qatt ma rajt ghajn hazina minnu. Fil-fatt peress li hu ta' wahdu u jaghti fastidju mill-anqas.*

*Inzid, pero' li l-familja tieghi accettajnih bhala habib, liema haga nista' nghid li tistendi ukoll ghall-girien. Dan nista' nghidu peress li sal-lum nara n-nies isellmulu u jkellmuh b'mod civili.*

*Meta hu zzewweg, hu ghazel li jmur joqghod mal-mara tieghu post iehor principalment peress li riedu post akbar. Din kienet decizjoni taghhom u ta' haddiehor.*

*Inzid, pero' li Mondher dejjem zamm kuntatt mal-familja tieghi u nista' nghid li nikkonsidrawh minn ta' gewwa. Fil-fatt meta hu ssepara minn mal-mara, talabna nikrulu post biex joqghod kif kien jaghmel qabel, pero' ma kellniex 'flat' battal.*

*Inzid li ghalkemm Mondher izzewweg lil mara tieghu, hu xorta zamm kuntatt maghna u kien jigi jarana mill-anqas darba fix-xahar. Fil-fatt meta ommu giet Malta, gabha wkoll u hadna pjacir biha peress li hi kienet ommu.*

*Ikolli nghid li hu kien jiftah qalbu mieghi u jien kont nisimghu bl-attenzjoni. Dan qed nghid ghal seba' (7) snin shah, u cjoe' tul il-perjodu taz-zwieg tieghu sakemm issepara formalment. Dan qed nghidu peress li l-kilba tieghu biex ikollu tfal kienet kbira. Hu kien isemmi l-fatt li sia hu kif ukoll martu kienet qed jikbru, pero' l-mara tieghu ghar-ragunijiet taghha kienet, dejjem skond hu, tirrifjuta li tibda familja".*

## (II). Principji Legali.

Illi l-attur jinvoka n-nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-kunsens li taw il-partijiet bhala raguni ghaliex iz-zwieg taghhom ghandu jigi ddikjarat null u bla effett. Dan *ai termini* tal-**artikoli 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, fejn jinghad hekk:-

**19(1)** *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null*:-

**(d)** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenjali taz-zwieg;*

**(f)** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg:*

Illi rigward dak li jinghad fis-**sub-inciz 19 (1) (d)** fuq citat jinghad li l-kunsens fir-rabta taz-zwieg jirrikjedi maturita ta' hsieb u karattru sabiex min jidhol ghal dan il-pass ikun konxju li zwieg ifisser *commitment* lejn din ir-rabta.

Illi l-awtur ***Bersini*** – **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino 1994)** ighid hekk fuq il-grad ta' maturita rikjesta sabiex wiehed jikkuntratta z-zwieg:-

*"Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappra che cosa e il matrimonio; e necessaria la maturita di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e necessaria la discrezione non tanto per l'alto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'alto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro."*

Illi l-awtur ***Bernard A. Siegle***, fil-ktieb tieghu **"Marriage According to the New Code of Canon Law"** jghid li bil-kunsens taghhom il-partijiet jridu joffru lil xulxin:-

*"a) the right to a community of life;*

*b) the possibility of living this community of life*

*c) the right to the conjugal act;*

*d) the other essential properties of marriage – unity, fidelity and indissolubility"*

Illi ***Siegle*** jkompli jghid illi wiehed mill-elementi tal-kunsens hu l-maturita li skond l-awturi rotali u gurisprudenza rotali tinkludi:-

*"a) an affective maturity that enables them to grasp the deep meaning of the conjugal covenant and to give it permanent value.*

*b) a discernment of judgement proportionate to the importance of the pact being concluded;*

*c) an internal free choice of will without coercive impulsions;*

*d) a freeness of character or personality that is capable of effective decision making.*

*e) a normal sexuality".*

Illi jirrizulta li m'hemm ebda ndikazzjoni li l-partijiet qatt iddiskutew kif kienet ser tkun il-hajja konjugali jew li wrew xi nteress biex jissodaw ir-relazzjoni taghhom in vista taz-zwieg. Illi fil-fatt mill-provi prodotti tant huwa minnu dan li ma huwa car xejn ghaliex l-istess partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg, u dan meta tqis ic-cirkostanza kollha tal-kaz odjern u in partikolari li l-istess partijiet izzewgu civilment wara biss xahar u nofs minn meta iltaghu u dan fuq insistenza tal-konvenuta.

Illi dan kollu huwa fih innifsu dubjuz u l-agir tal-konvenuta ghal din l-istenza taghha li tizzewweg lill-attur habta u sabta hija veru stramba meta wiehed iqis li hija tikkonferma t-tezi moghtija mill-attur, u cjoe' li hija qatt ma habbet lill-istess attur tant li qatt ma kkonsidrat li jkollha tfal minnu. Mhux biss izda l-istess konvenuta tghid bl-aktar mod kategoriku li assolutament ma riedet li jkollha ebda ulied mill-istess attur, u b'hekk qed turi, u fil-

fatt uriet avverzjoni serja li hija tistabbilixxi familja mal-istess attur, li huwa  ta' nazzjonalita' Tunezina, u ta' religjon differenti minn dik tal-konvenuta, u wkoll bi principji li jidhru ferm sodi ghal dak li jirrigwarda zwieg u l-elementi li jikkostitixxu l-istess. Dan *di piu'* dan jinsab korroborat u kkonfermat mix-xhieda ta' Father Joseph Saliba, il-kapillan tal-Kappella tal-Isptar San Luqa, fejn il-konvenuta kienet tahdem bhala *nurse*, fejn dan iddeskriva l-kuncett ta' zwieg u ta' familja nobbli li kellu l-istess attur.

Illi mhux l-istess jista' jinghad ghall-konvenuta, u dan ovvjament dejjem fil-kuntest uniku tat-talbiet attrici, u dan ghaliex jidher car li l-istess konvenuta zzewget lill-konvenut ghar-ragunijiet *ben oltre* dawk ta' konsegwiment ta' hajja konjugali, bbazati fuq l-principji ta' ndossolubilta' u permanenza ta' zwieg, kollox taht l-idea fondamentali ghaz-zwieg ta' mhabba komunali; fil-fatt jirrizulta li l-istess konvenuta zzewget lill-attur minkejja l-oppozizzjoni vehimenti u konsistenti tal-familjari taghha, tant li lanqas biss qaltilhom li kienet ser tizzeweg lill-attur. Fil-fatt tali zwieg sar fuq insistenza taghha, minkejja dak ammess minnha li hija qatt ma habbet lill-attur, u wkoll bla ma kienet taf sew lill-attur, u naturalment *vice versa.*

Illi dan huwa ovvju nuqqas' ta' maturita' tali li jaffettwa l-kunsens tal-konvenuta f'dak li huwa d-deskrizzjoni necessarja dwar l-elementi tal-hajja mizzewga, ghaliex pass ta' din in-natura li jghatu stat ghall-komplement ta' hajja ta' bniedem ma jsirx b'dan il-mod, ma' bniedem li huwa sa certu punt strangier ghaliha.

Illi dan il-pass huwa aktar serju meta jidher car, kemm minn dak li sar qabel l-istess zwieg, u li hareg fil-berah tul ir-relazzjoni kollha bejn l-kontendenti fil-hajja taghhom flimkien, li l-konvenuta assolutament qatt ma kkonsidrat il-possibilta' li jkollha tfal mill-istess attur. Dan hija ammettietu bl-aktar mod kategoriku ghaliex sostniet li hija ma riedet qatt li jkollha tfal mill-attur ghaliex ma kenitx thobbu, u b'hekk jidher li l-kunsens tal-konvenuta kien simulat, ghaliex hija certament eskludiet fil-waqt tal-kunsens taghha tal-istess zwieg, li hija jkollha xi

relazzjoni mal-attur li jista' jwassal ghal xi wild mill-istess zwieg.

Illi din il-Qorti hija fil-fatt impressjonata bil-mod deciz li l-istess konvenuta kkonfermat dan fl-affidavit taghha pprezentat f'dawn l-atti bin-nota attrici tat-12 ta' Novembru 2002. Dwar dan l-istess konvenuta kienet deciza, li *nonostante* l-interventi tal-attur, u wkoll ta' whud mix-xhieda hawn prodotti f'din il-kawza, l-istess konvenuta kienet ghal kollox rezoluta, bil-konsegwenza li dan id-defett serju fl-istess zwieg, wassal ghall-firda effettiva tal-partijiet fil-kawza, li in verita' konsiderando din l-eskluzjoni elementari u bazika ghall-istess unjoni, ma setghatx ikollha tmiem iehor, ghaliex in verita' l-partijiet kienu qed jghixu gidba.

Illi l-Qorti ezaminat il-provi prodotti fid-dawl tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** li fil-fatt fl-**artikolu 19 (1) (f)** jiddisponi li:

***19 (1)*** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** deciza minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – 9 ta' Marzu, 2000) u skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA deciza fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi*

*parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li hemm bizzejjed fatti f'din il-kawza sabiex jigi ddikjarat li l-kunsens tal-konvenuta kien affett b'nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u d-drittijiet essenzjali taghha u ghalhekk iz-zwieg tal-partijiet ghandu jigi ddikjarat null u bla effett skond id-dispozizzjonijiet tal-**artiklu 19 (1) (d) tal-Kap 255**.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null anke abbazi ta' dan **is-sub-artikolu (f) tal-artikolu 19 (1)** peress li l-konvenuta ma kenitx ippreparata u lanqas fil-mument taz-zwieg ma setghet tifhem s-sinifikat tal-istess zwieg u certament ma kellha f'mohhhom ebda unjoni ta' hajja necessarja f'tali stitut, tant li l-istess konvenuta eskludiet mill-kunsens taghha ghall-istess att celebrat li hija jkollha tfal mal-istess attur, u b'hekk pozittivament eskludiet definittivament element essenzjali tal-istitut taz-zwieg, b'dan li l-kunsens taghha ghal tali unjoni kien simulat.

Illi fuq dan l-ahhar punt il-Qorti tirreferi ghal dak li inghad fis-sentenza **"Joseph Ferriggi vs Mary Anne Ferriggi"** (P.A. (RCP) 7 ta' Jannar 2003) u cjoe:-

*"minn dan kollu jidher li l-attur kellu fil-mument taz-zwieg tieghu mal-konvenuta difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga billi ssoggetta l-kunsens tieghu ghall-konvivenza mal-konvenuta ghall-kundizzjoni li huwa ma jkollux ulied mill-istess zwieg u dan ghalhekk iwassal sabiex din il-Qorti tikkonkludi li l-kunsens tal-attur kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u l-elementi essenzjali taghha u wkoll li bil-kunsens tieghu huwa eskluda pozittivament wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg li huwa l-kuncett ta' prokreazzjoni ta' ulied, u hawn din il-Qorti tirreferi ghas-sentenzi **"David Mangion vs Maria Sciberras"** (P.A. (N.A.) 11 ta' Ottubru 1999); **"Imad Adel Hazory vs Gaetana Borg"** (P.A. (N.A.) 11 ta' Ottubru 1999); **"E vs F"** (P.A. (F.D.) 1 ta' Lulju 1994); **"Elizabeth Zammit nee' Consiglio vs John***

***Zammit"** (P.A. (S.B.C.) 14 ta' Marzu 1986); **"Mary Hassanin nee' Spiteri vs Silvio Spiteri"** (P.A. (N.A.) 16 ta' Frar 2001) u **"Joseph Abdilla vs Maria Fenech"** (P.A. (N.A.) 21 ta' April 1999), u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur".*

Illi din il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghad-decizjonijiet **"Sharon Bezzina vs Richard Bezzina"** (P.A. (RCP) 6 ta' Frar 2003); **"Jacqueline Agius vs Ivan Agius"** (P.A. (RCP) 11 ta' Dicembru 2002); u **"Joseph Cutajar vs Dr. Mark Busuttil et nomine"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2003, **"Angolina sive Julia Dawah vs Dr. Martin Fenech et nomine"** (P.A. (RCP) 27 ta' Marzu 2003); **"Alexander Brincat vs Moira Farrugia gja Brincat"** (P.A. (RCP) 27 ta' Marzu 2003); **"Luoise Anne Sammut vs Tonio Ciantar"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2003) u **"Angela Pullicino vs William Camilleri"** (P.A. (RCP) 13 ta' Marzu 2003, b'dan li l-Qorti thoss, li apparti dak premess, dak fuq citat u l-principji ennuncjati fl-istess sentenzi ghandhom japplikaw *mutatis mutandis* ghall-kaz odjern.

Illi abbazi ta' dak prodott, din il-Qorti ghalhekk tiddikjara l-istess zwieg bejn il-kontendenti bhala null u bla effett ukoll *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255,** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti Mondher Ayadi u Carmen Abela fl-20 t'April 1994 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------